# Il-*Benchmark* ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja

# 2013

# It-Tieni Sessjoni

## Il-Malti: Il-Fehim mill-Qari

## Il-Marki: 30 marka

## Il-Ħin: 50 minuta

## L-Ewwel Taqsima (10 marki)

**Aqra dawn ir-riklami u aħdem l-eżerċizzji ta' warajhom.**

**1.**

## Kompjuters

**34, Triq il-Pitirrossi, Ir-Rabat**



Inbigħu kompjuters kbar u żgħar u
l-aċċessorji kollha tagħhom.
Issibu għażla kbira ta' printers
tal-aqwa ditti.
Ċemplilna: 28 98 09 73

**2.**

## Televiżivi

Inbigħu diversi għamliet u ditti ta' televixins, minn żgħar, li tista' tqabbadhom fil-karozza, sa oħrajn kbar għas-swali.



Issibna fi Triq il-Pitirrossi, ir-Rabat,
fuq il-lemin tal-banka tal-lottu.

**3.**

## Sodisfatti



**56, Triq il-Fjuri, Ir-Rabat**

Nieħdu ritratti u niġbdu films ta' tiġijiet u ta' okkażjonijiet speċjali oħrajn.

Issibulna wkoll kameras tar-ritratti u għażla varjata ta' albums tar-ritratti għall-bejgħ.

**4.**

## L-Aħwa Vella

Aħna nsewwu l-kompjuters.
Niġu għandek u nagħmlu t-tiswijiet fil-post.

Naħdmu kuljum ħlief il-Ħadd.



Ċemplilna 23 89 78 09
www.vella.com.mt

**A. Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba.**

**L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.** *(3 marki)*

1. Il-ħanut Sodisfatti jinsab (il-Ħamrun, in-Nadur, **ir-Rabat**).
2. Kompjuters u (Televiżivi, Sodisfatti, L-Aħwa Vella) jinsabu fl-istess triq.
3. Ziti tista' tixtri kamera tar-ritratti mingħand (Kompjuters, Sodisfatti, Televiżivi).
4. Ħija marlu l-kompjuter u (Kompjuters, Sodisfatti, L-Aħwa Vella) setgħu jsewwuh.

**B. Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi tikteb in-numru fil-kaxxa t-tajba.**

**L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.** *(4 marki)*

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| **1.** | **Sodisfatti jinsab** | | l-film tat-tieġ. |
| 2. | Televiżivi jinsab ħdejn | | indirizz elettroniku. |
| 3. | Għand Sodisfatti tista' tordna | | indirizz postali. |
| 4. | Ir-riklam ta' L-Aħwa Vella għandu | **1** | **ir-Rabat.** |
| 5. | Ir-riklam ta' Kompjuters għandu | | il-banka tal-lottu. |

**Ċ. Poġġi kelma waħda biss fil-vojt, skont is-sens tar-riklami.**

**L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.** *(3 marki)*

Is-Sibt li għadda jien u missieri morna **r-Rabat** biex nixtru ġakketta għan-nannu. Wara morna għand Televiżivi għax kellna nixtru __________________ żgħir għaz-zija. Minn hemm għaddejna s'għand Sodisfatti biex nixtru żewġ __________________ ħalli npoġġu fihom ir-ritratti ta' ħija. Minn hemm bqajna sejrin għand Kompjuters u xtrajna __________________ li jieħu l-linka tal-kulur.

## It-Tieni Taqsima (20 marka)

**Aqra din l-informazzjoni u wieġeb il-mistoqsijiet ta' wara.**

# It-Trasport bil-Baħar

***L-Ewwel Parti***

Jingħad li l-bniedem, qabel ma ddomestika l-annimali, kien diġà jivvjaġġa bil-baħar. Seta' jagħmel dan biz-zkuk tas-siġar. Huwa ntebaħ li z-zkuk, kbar kemm huma kbar, ma jegħrqux. B'zokk twil u oħxon, b'daqsxejn ta' ħofra fih fejn seta' jpoġġi, il-bniedem ħoloq l-ewwel forma ta' dgħajsa! Għalkemm biha ma setax joħroġ wisq 'il barra mix-xatt, u fil-maltemp kellu joqgħod b'seba' għajnejn, xorta seta' jivvjaġġa distanzi twal. Hekk twieldet il-kenura, kif inhija magħrufa, u li għadna nużawha sal-lum! **(par. 1)**

Biex jivvjaġġa b'aktar ħeffa, il-bniedem ħareġ bl-idea li seta' juża biċċiet tad-drapp imdaqqsin, magħrufa bħala qlugħ. Dawn kienu jintrabtu ma' arblu mwaħħal ma' qiegħ id-dgħajsa. Malli jibda jonfoħ ir-riħ, dawn il-biċċiet jintefħu u d-dgħajsa tibda taqta' 'l barra. Jidher li din l-għamla ta' dgħajsa żviluppawha fost l-oħrajn l-Eġizzjani, ir-Rumani u l-Vikingi, ħafna żmien ilu. **(par. 2)**

Maż-żmien il-biċċiet tal-baħar bdew jinbnew akbar u aktar b'saħħithom. Il-vapuri, kif inhuma magħrufin, bdew jgħabbu kwantità akbar ta' nies u bdew jintużaw għall-kummerċ ukoll. Illum il-ġurnata l-vapuri jaħdmu bil-magni. Fil-poppa l-vapur ikollu skrejjen daqsiex biex **imexxuh** fejn irid il-kaptan. Fost l-aktar vapuri komuni u li narawhom fil-portijiet tagħna nsibu l-vapuri tat-tagħbija u l-vapuri li jġorru ż-żjut, magħrufin l-aktar bħala tankers. **(par. 3)**

Insibu wkoll il-vapuri tal-passiġġieri, li jġorru n-nies minn post għal ieħor. L-aktar popolari minn dawn huma l-vapuri tat-turisti, li qishom lukandi fuq l-ilma. Dawn jistgħu jġorru 'l fuq minn tlett elef ruħ f'daqqa u jdawruhom ma' bosta pajjiżi. **(par. 4)**



## A. Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li għadek kemm qrajt.

1. Liema hija l-espressjoni f'**par. 1** li turi li l-bniedem kellu joqgħod attent meta jivvjaġġa b'dawn id-dgħajjes?

______________________________________________

2. Kif inhi magħrufa l-ewwel forma ta' dgħajsa li vvinta l-bniedem? **(par.1)**

______________________________________________

3. X'ħoloq il-bniedem biex jivvjaġġa aktar malajr fuq il-baħar? **(par. 2)**

______________________________________________

4. Semmi poplu **wieħed** mis-silta li kien juża d-dgħajjes tal-qlugħ. **(par. 2)**

______________________________________________

5. Immarka ✓ fil-kaxxa li turi liema sentenza hija **vera** skont is-silta. **(par. 3)**

Il-vapuri tat-turisti huma kbar ħafna u jissejħu tankers. ☐

Il-vapuri tat-turisti huma żgħar u qishom lukandi jifflowtjaw. ☐

Il-vapuri tat-turisti huma kbar ħafna u kapaċi jgħabbu ħafna nies. ☐

6. Ikteb għal xiex qed tirreferi l-**"h"** fil-kelma **"imexxu<u>h</u>" (par. 3)**.

______________________________

7. Sib:

a. **nom fil-plural miksur** minn **par. 3**: ________________

b. **nom fil-plural sħiħ** minn **par. 4**: ________________

*(marka kull waħda = 8 marki)*

## Kompli aqra l-informazzjoni u wieġeb il-mistoqsijiet ta' wara.

### *It-Tieni Parti*



Il-biċċiet tal-**baħar** l-aktar komuni narawhom għaddejjin fuq wiċċ l-ilma. Imma hemm oħrajn li minflok fuq l-ilma jivvjaġġaw taħtu. Dawn huma s-sottomarini, kelma ġejja mit-Taljan li tfisser taħt il-baħar. **(par. 5)**

L-ewwel sottomarini nbnew madwar **200 sena** ilu. Dawn ġew żviluppati l-aktar fl-Ewwel Gwerra Dinjija, madwar mitt sena ilu. L-iskop ewlieni tagħhom kien li jattakkaw il-vapuri tal-għadu minn qiegħ il-baħar. Kienu jintużaw ukoll biex iħarsu l-vapuri ħbieb tagħhom mill-ħbit ta' vapuri jew sottomarini oħrajn. Is-sottomarini kien ikollhom bombi kbar fuqhom, u miskin hu min jispiċċa fil-mira tagħhom! **(par. 6)**

Illum il-ġurnata s-sottomarin ma jintużax biss għall-gwerra. Insibu sottomarini għall-esplorazzjoni ta' qiegħ il-baħar. Insibu oħrajn biex isalvaw nies li jkunu spiċċaw imsakkrin f'xi vapur mgħarraq. Hemm ukoll sottomarini biex iħaffru f'qiegħ il-baħar, ħalli jkunu jistgħu jgħaddu pajpijiet kbar, ngħidu aħna, tal-elettriku jew tal-gass. Jeżistu wkoll sottomarini li jintużaw għat-turisti. Kif **iġibu għajnejhom wara widnejhom** meta jniżżluhom taħt wiċċ l-ilma u jaraw dak il-ġmiel ta' qiegħ il-baħar u l-ħajja li hemm fih! **(par. 7)**

Is-sottomarini l-moderni jaħdmu b'magni qawwijin u kapaċi jinżlu mijiet ta' metri fil-fond tal-oċeani. **Jistgħu** jmorru kullimkien, anki jgħaddu minn taħt meded kbar tas-silġ. Uħud minn dawn is-sottomarini kapaċi jagħmlu xhur sħaħ taħt l-ilma. **(par. 8)**

X'qabża! Minn biċċa zokk ta' siġra għal vapuri ta' kull daqs li kapaċi jimirħu fuq u taħt il-baħar! Il-bniedem dejjem joħlom u jivvinta biex jivvjaġġa bl-iktar mod komdu fuq il-baħar. Jgħidu li l-baħar żaqqu ratba u rasu iebsa għax mhux l-ewwel darba li nisimgħu bi traġedji kbar fil-baħar. Min jaf? Forsi xi darba l-bniedem għad jivvinta xi opra tal-baħar li ma tegħreq b'xejn! **(par. 9)**

## B. Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li għadek kemm qrajt.

1. Xi tfisser il-kelma **sottomarin**? **(par. 5)**

______________________________________________________________

2. Agħti għan **wieħed** li għandhom is-sottomarini tal-gwerra. **(par. 6)**

______________________________________________________________

3. X'ried ifisser l-awtur meta kiteb "**iġibu għajnejhom wara widnejhom**" fis-sentenza:

"Kif **iġibu għajnejhom wara widnejhom** meta jniżżluhom taħt wiċċ l-ilma u jaraw dak il-ġmiel ta' qiegħ il-baħar u l-ħajja li hemm fih!"? **(par. 7)**

______________________________________________________________

4. Kemm jistgħu jinżlu fil-fond is-sottomarini moderni? **(par. 8)**

______________________________________________________________

5. Ikteb **fi kliem** in-numru **"200 sena" (par. 6)**:

________________ **sena**

6. Sib **verb fin-negattiv** minn **par. 7**:

________________

7. Agħti **l-għerq** tal-kelma **"jistgħu" (par. 8)**:

________________

8. Sib **aġġettiv** minn **par. 8**:

________________

*(marka kull waħda = 8 marki)*

## Ċ. Wieġeb il-mistoqsijiet fuq is-silta kollha *It-Trasport bil-Baħar*.

1. X'juri fis-silta kollha li l-bniedem baqa' dejjem jiżviluppa l-biċċiet tal-baħar tul iż-żminijiet?

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

*(2 marki)*

2. Kieku inti kont kaptan jew kaptana, liema mill-biċċiet tal-baħar imsemmija tippreferi tagħżel li ssuq? Għaliex?

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

*(2 marki)*

**Tmiem il-Karta**